

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 331/2010**tat-22 ta' April 2010****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1580/2007, fir-rigward tal-volumi li fihom jiġu attivati d-dazji addizzjonali għall-ħjar u ċ-ċirasa, minbarra ċ-ċirasa qarsa**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 143(b) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 li jstabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2201/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ⁽²⁾ jistipula s-sorveljanza tal-importazzjoni tal-prodotti elenkati fl-Anness XVII għalih. Din is-sorveljanza għandha titwettaq skont ir-regoli dettaljati stabbiliti fl-Artikolu 308d tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju ⁽³⁾.

- (2) Għall-finijiet tal-Artikolu 5(4) tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura ⁽⁴⁾ konkluż matul in-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Urugwaj, u fid-dawl tal-aħħar dejta disponibbli għall-2007, l-2008 u l-2009, għandhom jiġu adattati l-livelli li fihom jiġu attivati d-dazji addizzjonali fuq il-ħjar u ċ-ċirasa, minbarra ċ-ċirasa qarsa.
- (3) B'riżultat ta' dan, ir-Regolament (KE) Nru 1580/2007 għandu jkun emendat.
- (4) Il-miżuri pprovduti b'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-kumitat ta' ġestjoni tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jinbidel bit-test muri fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Mejju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' April 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 336, 23.12.1994, p. 22.

ANNEX

"ANNEX XVII

DAZZI TA' IMPORTAZZJONI ADDIZZJONALI: TITOLU IV, KAPITOLU II, TAQSIMA 2

Bla ħsara għar-regoli dwar l-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, id-deskrizzjoni tal-prodotti għandha titqies indikattiva biss. għall-finijiet ta' dan l-Anness, l-ambitu tad-dazji addizzjonali huwa determinat minn dak tal-kodiċi NM kif kien fi żmien l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

| Numru tas-serje | Kodiċi NM | Deskrizzjoni tal-prodotti | Perjodu ta' applikazzjoni | Livell tal-iskattar (tunnellati) |
|-----------------|--|--|--|----------------------------------|
| 78.0015 | 0702 00 00 | Tadam | Mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju | 415 907 |
| 78.0020 | | | Mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru | 40 107 |
| 78.0065 | 0707 00 05 | Ħjar | Mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Ottubru | 11 879 |
| 78.0075 | | | Mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' April | 18 611 |
| 78.0085 | 0709 90 80 | Qaqoċċ | Mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' Ġunju | 8 866 |
| 78.0100 | 0709 90 70 | Zukkini | Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru | 55 369 |
| 78.0110 | 0805 10 20 | Larinġ | Mill-1 ta' Diċembru sal-31 ta' Mejju | 355 386 |
| 78.0120 | 0805 20 10 | Klementina | Mill-1 ta' Novembru sal-aħħar ta' Frar | 529 006 |
| 78.0130 | 0805 20 30 0805 20 50 0805 20 70 0805 20 90 | Mandolin (inkluż it-tangerines u satsumas); wilkings u ibridi simili taċ-ċitru | Mill-1 ta' Novembru sal-aħħar ta' Frar | 96 377 |
| 78.0155 | 0805 50 10 | Lumi | Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru | 334 680 |
| 78.0160 | | | Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Mejju | 62 311 |
| 78.0170 | 0806 10 10 | Għeneb tal-ikel | Mill-21 ta' Lulju sal-20 ta' Novembru | 89 140 |
| 78.0175 | 0808 10 80 | Tuffieħ | mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Awwissu | 829 840 |
| 78.0180 | | | Mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru | 884 648 |
| 78.0220 | 0808 20 50 | Lanġas | Mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April | 224 927 |
| 78.0235 | | | Mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru | 38 957 |
| 78.0250 | 0809 10 00 | Berquq | Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju | 5 785 |
| 78.0265 | 0809 20 95 | Ċirasa, għajr għaċ-ċirasa qarsa | Mill-21 ta' Mejju sal-10 ta' Awwissu | 90 511 |
| 78.0270 | 0809 30 | Ħawħ, inkluż nuċiprisk | Mill-11 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru | 131 459 |
| 78.0280 | 0809 40 05 | Għanbaqar | Mill-11 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru | 129 925" |